# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU 2021

**Kawża Numru: 11**

**Rik. Ġur. 38/2009 RGM**

**Mary Cachia (I.D. Numru 175147M)**

**vs.**

**Leo Cachia u b'digriet tal-5 ta' Diċembru 2019,**
**stante l-mewt ta' Leo Cachia**
**(I.D. Numru 368854 M) fil-mori tal-**
**kawża, il-ġudizzju f'ismu gie trasfuż**
**f'isem Patrizia Cachia**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Mary Cachia** ppreżentat fil-15 ta' Jannar, 2009 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi hija proprjetarja ta' porzjoni ta' art ossia plot b'razzett delapidat fuqha, fi Triq il-Kavallerizza, kantuniera ma' Triq l-Arznell, Marsaxlokk.

2. Illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond li kien igib in-numru 10, Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, u li kien imiss mall-porzjoni ta' art ossia plot di proprjeta` tal-attrici, liema fond in segwitu il-konvenut iddemolixxa u fuq l-istess sit illum jinsab kostruwit korp ta' appartamenti.

3. Illi fil-kors ta' dan l-izvilupp da parte tal-konvenut hu uzurpa bicca art di proprjeta` tal-attrici tal-kejl ta' madwar metru kwadru kif jirrizulta konfermat mill-anness rapport tal-Perit Alan Saliba (Dok A).

5. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut ghar-reintegrazzjoni tal-art di proprjeta` tal-attrici fl-istat u dimensjonijiet taghha originali, l-konvenut baqa' inadempjenti.

6. Illi ghalhekk l-attrici giet kostretta tistitwixxi din il-procedura kontra l-konvenut.

8. Dawn il-fatti huma maghrufa mill-attrici personalment.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. Ma ghandiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li fil-kors tal-Izvilupp tal-proprjeta` tieghu l-konvenut urzurpa parti mill-art adjacenti di proprjeta` tal-attrici, fi Triq il-Kavallerizza, kantuniera ma Triq l-Arznell, Marsaxlokk, tal-kejl ta' madwar metru kwadru, il-parti hekk uzurpata.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jigu lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirreintegra lill-attrici fil-pussess tal-imsemmija porzjoni ta' art minnu hekk uzurpata, taht id-direzzjoni ta' Periti nominandi.

3. Fin-nuqqas li ssehh tali reintegrazzjoni da parte tal-konvenut favur l-attrici fit-terminu lilu prefiss, tawtorizza lill-istess attrici taghmel ix-xogholijiet necessarji hi ghar-reintegrazzjoni lilha tal-istess porzjoni ta' art uzurpata, a spejjez tal-konvenut, u taht id-direzzjoni tal-istess Periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata ta' Leo Cachia** prezentata fit-12 ta' Frar, 2009 fejn jinghad kif gej:

**Eċċezzjonijiet**

Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(a) l-esponenti ma beniex fuq il-propjeta' tar-rikorrenti izda bena biss fuq il-propjeta' tieghu skond marki moghtija mill-perit tar-rikorrenti;

(b) sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, jekk l-esponenti invada propjeta’ tar-rikorrenti t-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli ghaliex l-esponenti akkwista l-propjeta’ a tenur ta’ l-artikolu 571 tal-Kodici Civili.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-fatti**

1. Illi meta l-esponenti kien beda bid-demolizzjoni tal-bini li kien hemm fil-propjeta’ tieghu adjacent ma’ dik tar-rikorrenti hu kien ircieva ittra datata 4 ta’ Gunju 2005 minghand il-perit tar-rikorrenti (Dok LC1), u cioe’ l-perit Edric Micallef, biex tigi verifikata l-linja tal-bini.

2. Illi wara din l-ittra l-perit tal-esponenti, u cioe’ l-perit Wilfred Debattista, kien tkellem mal-perit Edric Micallef u gie miftiehem illi r-rikorrenti, li kienet gja ghamlet survey tas-sit taghha, kellha tiehu hsieb li taghmel il-marki fuq il-post hi. Dan fil-fatt kienet ghamlitu u l-esponenti bena skond dawk il-marki. Inoltre’, fuq talba tar-rikorrenti stess, l-esponenti kien bena l-qoxra tal-hajt kompletament fuq in-naha tieghu.

3. Illi dan kollu kien gie verifikat mill-perit tar-rikorrenti, il-perit Edric Micallef.

4. Illi l-bini kien kollu mibni ghal habta ta’ Novembru, 2005.

5. Illi sakemm spicca l-bini, l-esponenti u l-perit tieghu, qatt ma kienu konxji li kien hemm xi diskrepanzi.

6. Illi r-rikorrenti kienet il-hin kollu tmur fuq il-post biex tosserva l-bini ta’ l-izvilupp, u f’ebda mument ma qatt semmiet jew allegat li kien hemm xi uzurpazzjoni. Tul dan iz-zmien l-esponenti kien sahansitra hallasha kumpens

talli tpoggew fuq l-art tar-rikorrenti l-ingenji tal-bini li l-bennej tal-esponenti kien jehtieg ghal waqt il-kostruzzjoni.

7. Illi waqt il-kostruzzjoni tal-bini l-esponenti kien propjetarju tal-basement tal-izvilupp kif ukoll tal-propejta mill-ewwel sular il fuq. It-terran in-naha tal-hajt divizorju bejn il-propjeta tal-esponenti u tar-rikorrenti kien mibni mill-esponenti ghal terzi propjetarji. Illum l-esponenti ma fadallu xejn mill-propjeta' li kellu tmiss mal-propjeta' tar-rikorrenti.

8. Illi meta l-esponenti gie interpellat dwar dan il-kaz lejn l-ahhar tas-sena 2008, hu kiteb lir-rikorrenti zewg ittri bonarji wahda datata 31 ta' Ottubru, 2008 (Dok LC2) u ohra datata 20 ta' Novembru, 2008 (Dok LC3).

9. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat illi fis-17 ta' Marzu 2009 il-Qorti nnominat lil Perit Mario Cassar sabiex jikkonsidra d-dokumentazzjoni pprezentata waqt il-gbir tal-provi u jaghti l-opinjoni tieghu dwar jekk fil-fatt meta bena l-konvenut uzurpax madwar metru kwadru ta' art proprjetà tal-attrici u dan kellu jaghmlu bl-assistenza ta' Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali;[1]

Rat illi waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 mizmuma quddiem il-Perit Legali, l-avukati tal-partijiet qablu illi l-mertu ta' dawn il-proceduri jirrigwarda l-porzjoni immarkat bl-ittra A fuq Dok AF2[2], b'dan pero illi Dottor Robert Tufigno ghall-konvenut qieghed jikkontesta illi hemm invażjoni huwa ghalhekk li l-avukati tal-partijiet effettivament jaqblu illi d-diverbju bejn il-kontendenti jinsab fl-area mmarkata A u jekk hu l-kaz l-estensjoni ta' l-istess;[3]

[1] Pagna 23 tal-process.
[2] Pagna 340 tal-process.
[3] Pagna 258 tal-process.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku kif ukoll dik tal-Perit Legali li gieipprezentata fil-21 t'Awwissu 2017;[4]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi pprezentata fis-17 ta' Gunju 2020;[5]

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

L-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-pretensjoni ta' okkupazzjoni mill-konvenut ta' art li tappartjeni lill-attrici.

Din l-art tinstab fi Triq il-Kavallerizza kantuniera ma' Triq l-Arznell, Marsaxlokk. L-attrici hija proprjetarja tal-fond 10, Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk. Il-bini fuq l-art adjacenti ghall-fond tal-attrici ġie mwaqqa' u eventwalment ġie mibni mill-konvenut blokk ta' appartamenti, liema binja skont il-konvenut ġiet mibnija kollha għal habta ta' Novembru 2005.

L-attrici tikkontendi li waqt il-bini tal-appartamenti il-konvenut okkupa biċċa art ta' kejl ta' metru kwadru proprjetà tal-attrici.

Min-naha tieghu, il-konvenut jinnega li dan kien il-kaz u dan ghaliex jallega li huwa strah fuq il-marki mogħtija mill-Perit tal-attrici cioe il-Perit Edric Micallef. Altimenti jghid li huwa akkwista l-proprjetà a tenur tal-Artikolu 571 tal-Kapitolu 16.

Ikkunsidrat;

[4] Pagna 189 tal-process et seq.
[5] Pagna 440 tal-process.

**Provi**.

Fit-18 ta' Frar 2010 xehed **Ivor Robinich**, rapprezentant legali tal-Awtorità tal-Ippjanar (dak iz-zmien MEPA). Waqt din is-seduta huwa esebixxa kopja tal-permess li inhareg fit-13 ta' Mejju 2005 u l-ahhar pjanti bl-applikazzjoni numru PA 5347/04. Ix-xhud spjega li din l-applikazzjoni kienet saret mis-Sinjuri Leo u Patricia Cachia bi proposta li jwaqqghu l-binja li kienet ezistenti u jibnu sitt flats u garaxxijiet tahthom fuq il-fond 77, 79 u 81 Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk. L-applikazzjoni ddahhlet fil-15 ta' Settembru 2004.

Waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2010 xehed il-**Perit Alan Saliba** li kkonferma r-rapport tieghu li huwa kien ħejja fit-3 t'Ottubru 2008 fuq inkarigu tal-attriċi. F'dan ir-rapport huwa kkonkluda li l-bini l-ġdid kien użurpa parti mill-art ta' Mary Cachia fil-kejl ta' madwar metru kwadru. Huwa wasal għal din il-konkluzzjoni wara (a) analiżi tal-bini l-ġdid u dak antik minn ritratti; (b) ha konjizzjoni tal-linja tat-Triq il-Kavallerizza li ma kinitx inbidlet; (c) qies il-kejl li kien ittiehed qabel twaqqa' l-bini kif ukoll mill-kejl li ha personalment hu; u (d) ra l-file tal-MEPA fejn irrizultalu li kienet saret emenda sabiex it-tul tal-ħajt jiżdied minn 6.8m ghal 7.6m. Il-Perit spjega li huwa ha l-wisa tal-parti in kwistjoni mill-pjanti li kien hemm fil-file tal-MEPA u minn hemm kien irriżultalu li hemm varjazzjoni ta' madwar metru kwadru.

Xehed ukoll Il-**Perit Adrian Falzon** fejn spjega li huwa kien gie inkarigat minn certu John Mary Desira in konnessjoni ma' *maisonette* fi Triq il-Kavellerizza, Marsaxlokk. Il-konjugi Desira kienu ser jixtru l-arja ta' dan il-fond minghand Leo Cachia u martu. Jghid li kien hemm ftehim ta' appalt fis-sens illi Cachia kellhom itellghu l-bini fuq din l-arja u huwa jiċċertifika illi l-bini sar skont il-ftehim. Jghid li l-binja kienet tikkonsisti f'garaxxijiet taht l-art, zewg *maisonettes* fl-*elevated ground floor*, *flats* u *penthouse*. Il-Perit xhed li huwa kien ghamel *survey* tal-maisonette li gie trasferit lill-konjugi Desira wara illi nbena u hejja pjanta ta' kif fil-fatt inbena.

Il-Perit Falzon xehed li huwa kien ġibed l-attenzjoni ta' Desira, tal-Perit William Debattista (il-Perit tal-konvenut) kif ukoll tal-konvenut li kien hemm

diskrepanza bejn il-*maisonette* kif mibni u l-pjanta annessa mal-kuntratt. Jghid li d-diskrepanza kienet fil-kejl u fil-pozizzjoni tal-hitan. Indika li jidher illi l-bini hareg 'il barra aktar mill-pjanta originali. Ix-xhud spjega li qabel ma twaqqa l-post tal-konvenut huwa kien kejjel it-terrezzin (pero m'ghamilx survey tat-terrazin) liema kejl kien konformi mal-pjanta annessa mal-kuntratt. Jikkonferma li l-kejl tat-terrezzin kien ta' 6.8m. Ix-xhud jghid li huwa ma huwiex f'posizzjoni ikun jaf jekk il-bini ezistenti llum żammx mal-istess linja illi kellu l-post l-antik u ghalhekk ma jistax jghid jekk il-bini mexiex 'il quddiem jew lura. Il-Perit Falzon rega tela jixhed fl-4 t'April 2011 fejn spjega li meta hejja s-survey tal-maisonette l-gdida ta' Desira huwa ma kienx jaf fejn inghataw il-linji stante li ma kienx preżenti mal-Perit Debattista meta nghataw il-linji. Jghid li huwa kien ghamel superimposizzjoni billi poġġa l-pjanta tal-*maisonette* attwali fuq il-pjanta li kienet annessa mal-kuntratt bejn Desira u l-konvenut.

Fid-29 ta' Novembru 2010 xehed **John Desira**. Jghid li Leo Cachia kien tah maisonette lest minn kollox sabiex johrog mill-post li huwa eventwalment waqqa u zviluppa f'garaxxijiet, *maisonettes* u *flats*. Il-ftehim sabiex johrog mill-post u jaghtih *maisonette* kien gie redatt min-Nutar Vanessa Pool[6]. Ix-xhud spjega li hu kellu jaghtih l-arja u jibni l-post komplut b'kollox Leo Cachia. Kompli jghid li huwa kien inkariga lil Perit Adrian Falzon sabiex hekk kif ikun lest il-bini jiċċertifika li kollox sew. Desira spjega li huwa mhux qieghed jghix fil-*maisonette* u dan ghaliex il-konvenut ma beniex skont il-pjanta annessa mal-kuntratt. Jghid li kien gara huwa li sar bini fuq art haddiehor, tant li l-bini li tella l-konvenut huwa aktar minn dak miftiehem fil-kuntratt ippubblikat min-Nutar Pool. Jghid li huwa kien kellem lill-konvenut dwar dan, jghid li dan kien qallu li m'hijiex problema ghaliex il-linja tal-appogg inghatat mill-Perit tal-attrici stess. Jghid li fil-post li twaqqa kien ilu joqghod 20 sena.

L-**attrici** xehdet permezz t'affidavit. Tghid li hija s-sid tar-razzett delapidat fi Triq il-Kavallerizza kantuniera ma' Triq l-Arznell, Marsaxlokk, liema razzett

[6] Kopja tal-kuntratt tinstab f'pagna 329 tal-process.

kien imiss ma' zewg garaxxijiet u zewg maisonettes sovrastanti. Tghid li ghalkemm hija toqghod Marsaxlokk, dawk l-inhawi m'hijiex triqtha u ma kinitx tghaddi spiss. Tghid li darba fis-sena 2004 kienet ghaddejja minn hemm u indunat li mal-hajt tal-maisonette kien hemm imwahhla applikazzjoni għal zvilupp. Tghid li kien irrizultalha li Leo Cachia kien xtara l-art u applika sabiex iwaqqa l-bini li kien hemm fuqha u minflokk jibni blokk t'appartamenti. Tghid li fis-sena 2005 hija ghaddiet minn Triq il-Kavallerizza u innutat li z-zewg garaxxijiet u maisonettes kienu twaqqghu u kienu telghin pedamenti ghal bini gdid. Tghid li f'din l-okkazzjoni hija nnutat li kien sar thammil fil-proprjetà taghha. Kien ghalhekk li kellmet lil Perit Edric Micallef. Iltaqghu fuq il-post flimkien ma' Leo Cachia u l-Perit tieghu, fejn kien irriżulta li Leo Cachia kien bena hajt fuq il-proprjetà taghha u dan ghamluh sabiex iżomm il-*membrane*.

Tghid li din giet solvutha billi accetat li l-hajt jibqa' mibni u sar kuntratt quddiem in-Nutar Vanessa Pool fit-12 ta' Settembru 2005 fejn gie miftiehem li l-hajt tal-appogg bejn il-proprjetajiet rispettivi taghhom jkunu b'zewg qoxriet ta' ġebel franka.[7] Tkompli tghid fl-affidavit taghha li sa dan il-mument, ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar il-mertu ta' din il-kawza u dan ghaliex kienet kwistjoni li ghada ma ezistitx.

Tghid li fl-2008 ikkuntattjaha Leo Cachia u informaha li kien wasal biex ibiegh wiehed mill-appartamenti li kien bena u li dan ried karta dwar il-hajt divizorju minghand il-Perit taghha u ffirmata minnha. Tghid li hija qaltlu li kien diga sar kuntratt dwar dan u seta' jurih dak il-kuntratt. Tghid li l-konvenut ċemplilha diversi drabi sabiex tghaddilu din il-karta izda hi qatt ma setghet tifhem ghalfejn riedha. Tghid li xi granet wara kien mar ghandha certu Jimmy Desira, fejn kien informaha li skont il-Perit tieghu, cioe il-Perit Adrian Falzon, kien hemm xi diskrepanza bejn il-bini kif tela' u l-ftehim li kellhom Desira u l-konvenut. Minn hemmek, l-attrici dahlilha suspett illi l-konvenut kien invada l-proprjetà taghha u wara li hadet parir legali, inkarigat lil Perit Alan Saliba u kien hejjilha rapport.

[7] Kopja tal-kuntratt jinstab f'pagna 316 tal-process.

Waqt is-seduta tal-20 ta' Gunju 2011, l-attrici xhedet ulterjorment. Hija pprezentat pjanta maghmula mill-Perit Wilfred Debattista u approvata mis-Sanita, liema pjanta tirreferi ghall-proprjetà tal-konvenut, kif kienet qabel giet imwaqqa. Skont l-attrici, illum il-linja tat-terrazin dahlet iktar 'il gewwa mill-bieb tal-maisonette ghal gol-proprjetà taghha.

Fit-3 t'Ottubru 2011 l-attrici xehdet in kontro-ezami fejn tghid li hija xtrat l-art fil-bidu tas-snin tmenin. Iddikjarat li hija qatt ma kienet preżenti ghal-laqghat illi setghu saru bejn il-Perit Edric Micallef minnha inkarigat u l-Perit Wilfred Debattista, inkarigat mill-konvenut. Tinsisti illi kien hemm biss okkazzjoni wahda ili fiha l-kontendenti ltaqghu fuq il-post flimkien mal-Periti rispettivi taghhom, meta sar id-diskors dwar il-hajt illi kien iżomm il-*membrane*, liema inkontru jissemma fl-affidavit taghha. L-attrici cahdet is-suggerimenti maghmulha lilha illi l-Periti rispettivi kienu diga ltaqghu qabel sar il-pedament, u wkoll biex inghataw il-linji. Iddikjarat illi hija ma tafx meta nghataw il-linji – anzi lanqas biss taf illi kellhom jinghataw il-linji.

Fis-16 t'Awpril 2012 xehed il-**Perit Wilfred Debattista**, prodott mill-konvenut fejn spjega li huwa kien inghata l-inkarigu mill-konvenut sabiex isiru xoghlijiet ta' demolizzjoni u bini mill-gdid ta' post fi Triq Kavallerizza, Marsaxlokk. Jispjega li huwa ghamel diversi applikazzjonijiet ghall-izvilupp sakemm eventwalment inhareg il-permess bin-numru PA 5347/04. Jghid li huwa ma kienx ghamel *survey* qabel hejja l-pjanti sottomessi lil MEPA izda strah fuq il-pjanti illi kien tah il-konvenut. Jghid li x-xoghol ta' tawaqqiegh beda ftit wara. Kien fl-4 ta' Gunju 2005, meta kien qieghed isir it-twaqqiegh li kien irċieva ittra minghand il-Perit Edric Micallef ghan-nom tal-attrici. B'din l-ittra huwa gie informat illi tlett snin qabel kien sar *survey* u l-attrici xtaqet illi tkun informata meta tkun ser tigi mmarkata l-linja divizorja bejn il-proprjetajiet adjacenti tal-kontendenti. Il-Perit kompli jispjega li huma komplew ix-xoghlijiet tat-tqattiegh tal-blat u kif waslu sabiex jibdew ix-xoghlijiet tal-pedamenti, huwa kien qabbad lil Leo Cachia sabiex jitkellem mal-Perit Edric Micallef sabiex ikun il-Perit Micallef stess illi jaghmel il-linja u dan peress illi hu kien ghamel *survey* u allura seta' jkun aktar preċiż. Jghid

li huwa gie infurmat mill-konvenut li l-Perit Micallef kien mar fuq il-post u ghamel il-linja.

Kompla jghid li l-Perit Micallef kien qabbad lis-*surveyor* Vincent Camilleri sabiex ghamel il-linja. Ix-xhud jghid li huwa qatt ma inghata kopja tas-*survey* fis-sena 2005 u kien inghata kopja tas-*survey* biss wara illi kienu saru x-xoghlijiet u nqalghet din il-kwistjoni. Jispjega li wara li kien tela l-*basement* huwa kien bghatt lin-nies tieghu sabiex ikejlu u jaghmlu *survey* dwar kif kien sar il-bini attwalment. Kien hemm xi emendi illi kellhom isiru u minhabba f'hekk ghamel applikazzjoni ghal tibdil minuri illi gew approvati. Jghid li x-xoghol inbeda f'Gunju 2005 u l-ahhar kont tieghu huwa hargu f'Awwissu 2006 wara illi kienu spiċċaw ix-xoghlijiet.

Matul dan iz-zmien il-Perit Edric Micallef ma reġax avvicinah. Ix-xhud iddikjara li huwa ma kellux *survey* u ghalhekk ma kkontestax il-linja illi saret fuq inkarigu tal-Perit Edric Micallef; ghalih il-bini sar skont il-linja illi saret minn Vincent Camilleri.

In kontro-ezami il-Perit Wilfred Debattista, jiċċara li l-applikazjzoni ghal *minor amendments* giet ipprezentata wara illi kien inbena l-*basement*. Il-Perit ikkonferma illi jista jkun illi l-linja B-C mmarkata fuq il-pjanta Dok IR3 u Dok IR 4 kibret fil-pjanta Dok PMA1 illi turi kif il-bini attwalment inbena. Meta gie mistoqsi ghaliex allura, il-bini saz-zmien li saret il-pjanta Dok PMA 1 kien ghadu fil-livell tal-*basement* ma treggax lura ghal dak illi kien jirrizulta fil-pjanti originali, il-Perit Debattista spjega illi r-raguni kienet illi l-pjanti Dok IR3 u Dok IR4 ma kinux *surveyed*, mentri l-pjanta Dok PMA1 giet redatta wara illi s-*surveyor* inkarigat mill-Perit Edric MIvallef kien ghamel survey u tqieghdu l-posti fuq il-post abbazzi tal-istess.

Marki maghmula abbażi ta' *survey report* huma aktar f'sahhithom teknikament minn interpretazzjoni ta' pjanta. Il-Perit Debattista ddikjara illi huwa strah anzi fada lis-*surveyor* Camilleri, u lanqas biss iccekkjah ghaliex huwa ma kellux *survey* iehor biex jaghmel dan. Iddikjara wkoll illi huwa ma ltaqax personalment mas-*surveyor* izda qaghad fuq xoghlu. Il-Perit Debattista

ddikjara illi jista' jkun illi huwa ra l-punti fuq il-post, probabbli li rahom ghaliex il-bennej ried jimxi maghhom. Jassumi illi kien il-konvenut li qallu min kien qabbad is-*surveyor* u ghamel il-marki fuq il-post, ghalkemm ma eskludiex illi kien hemm xi telefonata mal-Perit Edric Micallef. Iddikjara illi ma setax iwieġeb dwar dettal bhal ma huwa jekk il-il-komunikazzjonijiet mal-Perit Edric Micallef dwar il-linja sarux mix-xhud innifsu jew mill-konvenut u dan stante li ghaddew hdax-il sena mill-akkadut. Iddikjara pero' illi kien min kien illi tkellem mal-Perit Edric Micallef, in-naha konvenuta ma kienet involuta bl-ebda mod fil-linja tal-qasma kollha, fil-fond kollu, illi saret internament mill-Perit Edric Micallef.

In ri-ezami il-Perit Debattisita jghid li wara li tela l-bini, il-konvenut kien qallu li kien sar *survey* iehor pero jghid li huwa qatt ma ra r-rizultati ta' dan is-*survey* u lanqas biss jaf min ghamlu.

Il-konvenut sejjah bhala xhud lill-**Perit Edric Micallef**.

Il-Perit Micallef Ikkonferma l-ittra li huwa kien bghat ghan-nom tal-attrici lill-Perit Wilfred Debattista. Jghid li huwa kien gie avvicinat minn Mary Cachia meta saret taf li l-fond adjacenti ghal dak taghha kien ser jigi żviluppat. Jghid li huwa kien informaha li l-ahjar huwa li jinkarigaw *surveyor* sabiex jiehu stampa ta' kif kien il-fond qabel ma jitwaqqa u kien ghalhekk li inkarigaw lis-*surveyor* Vincent Camilleri.

In kontro-ezami huwa spjega li bl-ittra tieghu huwa ma kienx jinteressah d-data meta tkun ser tigi ssettjata l-linja izda biss ili jigu infurmati wara illi dan isir sabiex jiccekkjaw dak illi sar.

Ix-xhieda tal-Perit Edric Micallef tkompliet fis-26 ta' Novembru 2012 fejn huwa spjega li qabel ma twaqqghet il-proprjetà tal-konvenut, huma kienu ghamlu *survey* u kienu ghamlu *survey* iehor wara li saru x-xoghlijiet u dan sabiex jikkonfermaw jekk il-bini l-gdid kienx jaqbel mas-*survey* illi kien ittiehed qabel it-twaqqiegh. Il-Perit spjega li s-*survey* jindika x'hemm fuq il-post izda ma jistabbilixxiex ta' min effettivament hija l-proprjetà ghaliex dak

xoghol ta' Nutar. Jghid li meta s-*surveyor* mar fuq il-post wara x-xoghlijiet sab illi l-bini tal-konvenut kien sar mal-linja illi giet immarkata fuq Dok EMS1 bl-ittri A-B-C-D.

In kontro-ezami huwa jghid li l-area li nqalghet il-kwistjoni fuqha hija dik ta' metru b'0.6 metri u din kienet mibnija sa 1.2 metru 'l fuq mil-livell tat-triq fiz-zmien meta sar is-*survey report*. Jghid li huwa ma jiftakarx il-post qabel sar it-twaqqiegh u qatt ma dahal fil-fond proprjetà tal-konvenut.

Fit-13 t'April 2015 xehed s-*surveyor* **Vincent Camilleri**.

Jghid li huwa gie inkarigat fl-2002 mill-Perit Edric Micallef biex jaghmel *survey* tal-post tal-attrici fi Triq il-Kavallerizza Marsaxlokk kantuniera ma' Triq l-Arznell. Jghid li l-art li mar jaghmel *survey* fuqha ma kinitx mibnija izda adjacenti taghha kien hemm bini fuq iz-zewg toroq. Jghid li huwa rega mar fuq il-post ghat-tieni darba fl-2005 jew 2006 fuq inkarigu tal-Perit Edric Micallef. Jghid li huwa kien ghamel *setting out*. Jghid li din id-darba, il-binja adjacenti fi Triq il-Kavallerizza kienet giet imwaqqa. Ix-xhud jghaddi sabiex jispjega li *setting out* tfisser illi jigi mmarkat il-punti tal-hajt tal-appogg li kien ra u kejjel fl-2002, mal-art wara li kien gie imwaqqa l-istess hajt, biex b'hekk jimmarka fejn kien il-hajt qabel ma twaqqa. Dan kien ghamlu fil-prezenza tal-Perit Edric Micallef. Jghid li ma jiftakarx li kien hemm xi pedamenti meta huwa ghamel is-*setting out* u dan ghaliex l-iskop kien illi huwa jaghmel il-marki biex il-bini jżomm mieghu. Ix-xhud jghid li huwa reggha mar fuq il-post fis-sena 2008, din id-darba fuq inkarigu tal-Perit Wilfred Debattista, fejn huwa ghamel *survey* wara li kien gie mibni l-fond proprjetà tal-konvenut.

Il-**konvenut** Leo Cachia ipprezenta affidavit tiegħu fejn spjega li kien inkariga lil Perit Wilfred Debattista sabiex jaghmel l-applikazzjonijiet mehtiega. Jghid li wara li rcevew l-ittra tal-4 ta' Gunju 2005 minghand il-Perit ta' Mary Cachia, il-Perit Debattista kien tkellem mal-Perit Edric Micallef u gie miftiehem illi l-attrici, li kienet ga ghamlet is-*survey* tas-sit taghha, kellha tiehu hsieb li taghmel il-marki fuq il-post hi. Il-konvenut jghid illi huwa jaf li dan sar peress illi kien hemm marki viżibbli, u safejn jaf hu l-bini nbena skont l-istess marki.

Jghid li l-bini kien lest sa Novembru 2005 u sadanittant ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi diskrepanza. Il-konvenut jghid li fis-sena 2008 il-Perit Debattista inkariga lis-*surveyor* Vincent Camilleri sabiex jaghmel *survey* iehor sabiex jivverifika li l-bini tela' sew. Minn dan is-*survey* irriżulta li l-binja saret kif suppost u ma kien hemm l-ebda okkupazzjoni t'art tal-attrici. Jghid li l-attrici kienet tkun regolarment fuq il-post waqt li kien qieghed isir l-izvilupp, u qatt ma allegat li kien hemm xi invażjoni fuq l-art taghha. Jghid li sal-gurnata tax-xhieda tieghu huwa kien fadallu biss parti mill-*basement*.

Matul il-kontro-eżami tiegħu il-konvenut iddikjara illi l-impressjoni tieghu hi illi hafna mill-bejgh tal-units f'dan l-izvilupp sar qabel inbdew dawn il-proceduri, ghalkemm uhud saru fil-mori. Zgur illi l-kuntratt ma' John Mary Desira kien sar qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri. Il-konvenut ikkonferma li Desira mexxa gudizzjarjament ghaliex allega illi xi xoghol ma sarx sewwa u wkoll illi waqt il-kostruzzjoni il-konvenut kien dahal fil-proprjetà tal-atrici. Il-konvenut ikkonferma li sad-data tax-xhieda, il-Perit Adrian Falzon kien ghadu ma harigx *Compliance and Completion Certificate* proprju minhabba l-kawza pendenti ma' Desira. Ix-xhud ikompli jinsisti li huwa konvint li l-marki tal-linja divizorja saru mis-*surveyor* Camilleri fuq inkarigu tal-attrici stess. Kien il-Perit tieghu li informah b'dan. Il-konvenut iddikjara illi huwa kien ghadda speċi ta' skizz lil Perit Wilfred Debattista qabel dan hejja l-pjanti tal-izvilupp. Il-konvenut jistqarr illi huwa halla f'idejn il-Perit Wilfred Debattista f'dak li ghandu x'jaqsam ma' pjanti u permessi u hu personalment m'ghandu idea ta' xejn. Ix-xoghol tal-gebla tlesta fl-2005, filwaqt ix-xoghlijiet rimanenti tlestew fis-sena 2008.

Waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2018 xehed il-**Perit Tekniku Mario Cassar** fejn huwa kkonferma li huwa ha konjizzjoni tax-xhieda tal-Periti kollha kif ukoll tas-*surveyor* kif ukoll tal-pjanti li gew ippreżentati qabel ma wasal sabiex irredica r-rapport tieghu.

Il-Perit Tekniku rega xehed fl-4 ta' Marzu 2020 fejn huwa kkonferma li huwa kien ghamel *superimposition* tas-*surveys* imhejija minn Vincent Camilleri. Jghid li minn dan l-ezercizzju huwa kien irrizultalu li l-pjanti fil-fatt jaqblu u

kien ghalhekk li wasal ghal konklużjoni li ma kienx hemm uzurpazzjoni ta' art tal-attrici mill-konvenut. Jghid li fil-pjanta EMS1 il-linja qieghda diga estiza u ghalhekk huwa ma jafx kif jista' jestendiha aktar. Jghid li bejn il-marka A u B hemm kejl ta' 7.6 metri kwadri u dan wara li kejlu hu personalment. Jerga jikkonferma li fil-fehma tieghu ma kien hemm l-ebda usurpazzjoni u dan wasal ghal din il-konkluzzjoni wara li ha konjizzjoni tas-*surveys* li ghamilhom il-Perit u s-*Surveyor*.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qed titlob dikjrazzjoni ġudizzjarja li fil-kors tal-iżvilupp tal-proprjeta' tiegħu, il-konvenut użurpa parti mill-art adjaċenti proprjeta' tal-attriċi bil-konsegwenti kundanna li l-attriċi tiġi rientigrata fil-pussess tal-proprjeta' tagħha.

Il-konvenut jilqa' għal dawn it-talbiet billi jeċċepixxi illi mhux minnu li huwa użurpa art tal-attriċi; illi huwa bena skond marki mogħtija fuq il-post mill-perit tal-istess attriċi; u li fi kwalunkwe każ jekk jirriżulta li kien hemm tali invażjoni xorta waħda m'għandux jiġi kkundannat iħalli tali proprjeta' għaliex huwa akkwistaha bis-saħħa tal-artikolu 571 tal-Kap. 16.

**L-Użurpazzjoni Allegata mill-Attriċi u Kontestata mill-Konvenut**.

Il-vertenza ta' bejn il-partijiet tirrigwarda unikament jekk il-kostruzzjoni l-ġdida tal-kovenut in sostituzzjoni tal-binja li twaqqgħet tokkupax porzjon ta' art proprjeta' tal-attriċi li qabel tali twaqqiegħ ma kenitx hekk okkupata.

Il-Perit Tekniku Mario Cassar irrelata li ma kienx il-każ. L-attriċi tikkontesta l-konklużżjonijiet peritali.

Jeħtieġ għalhekk jiġi kkonsidrat jekk il-kontestazzjoni tal-attriċi fir-rigward tal-konklużżjonijiet peritali humiex ġustifikati.

Il-porzjon art mertu tal-kawża hija ta' kejl superfiċjali ta' metru kwadru (1mk).

Hemm kuntrast bejn il-konklużżjoni tal-perit ex parte inkarigat mill-attriċi, il-Perit Alan Saliba, qabel intavolat il-kawża odjerna u l-konklużżjonijiet tal-perit nominat mill-Qorti il-Perit Mario Cassar.

Il-bini tal-konvenut qabel twaqqa jidher fir-ritratti a fol. 359 u 400 fost l-oħrajn filwaqt li l-bini li ġie kostruwit minflok dak l-antik jidher fir-ritratt a fol. 361 tal-proċess.

Il-Perit Alan Saliba irrediġa rapport fit-3 ta' Ottubru 2008 kopja ta' liema tinstab a fol. 3 tal-proċess li ġei ingaġġat mill-attriċi wara li kienet ġia kostruwita l-binja l-ġdida mill-attriċi.

Il-linja diviżorja bejn il-proprjeta' tal-attriċi u dik tal-konvenut ma kienet qatt dritta peress li f'parti minnha l-art tal-attriċi tidħol il-ġewwa lejn l-art tal-konvenut. Dan jidher ċar mir-ritratt li jinstab a fol. 5 tal-proċess.

Il-Perit Saliba sostna illi qabel twaqqa' il-bini l-antik it-tul tal-linja diviżorja minn Triq il-Kavallerizza sal-punt fejn il-plot tal-konvenut tiċkien kien ta' sitta punt tmienja metri (6.8m) filwaqt li fil-binja l-ġdida il-linja diviżorja qabel il-plot tal-konvenut tiċkien issa taqra sebgħa punt sitta metri (7.6m). Jgħid illi dan huwa konfermat mill-fatt li anke fil-pjanta annessa mill-istess konvenut fl-applikazzjoni għall-iżvilupp tiegħu (PA5347/04) id-distanza ta'dik il-parti tal-linja diviżorja hija mogħtija bħala 6.8 metri filwaqt li sussegwentement għall-ħruġ tal-permess il-konvenut ippreżenta applikazzjoni oħra fejn talab li l-permess oriġinali jiġi emendat sabiex dik il-parti tal-linja diviżorja tiġi taqra 7.6 metri.

Il-Perit Tekniku Mario Cassar mill-banda l-oħra irrelata illi mhux minnu li l-bini l-ġdid kostruwit mill-konvenut daħal fuq l-art tal-attriċi.

**Studju Komparattiv Bejn is-Surveys**.

Sabiex wasal għal tali konklużżjoni il-Perit Cassar għamel analiżi komparativa ta' tliet dovumenti u ċioe'

1. Il-land survey tal-proprjeta' tal-attriċi (Dok. EMS1 a fol. 377) li ġie ppreżentat mill-Perit Edric Micallef (perit inkarigat mill-attriċi) fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, liema survey għamlu is-Surveyor Vincent Curmi f'Marzu 2002;

2. Il-land survey tal-proprjeta' tal-attriċi (Dok. SVC2 a fol. 367) li ġie magħmul f'Marzu tas-sena 2002 mis-surveyor Vincent Camilleri u li ġie minnu ppreżentat fis-seduta tat-13 ta' April 2015; (Dok. SVC2 a fol. 367);

3. Il-land survey tal-proprjeta' tal-attriċi (Dok SCV1 a fol. 378) magħmul fl-20 ta' Mejju 2008 mis-Surveyor Vincent Camilleri u li ġie minnu ppreżentat waqt is-seudta tat-13 ta' Arpil 2015.

Ma' dawn id-dokumenti ġew eżebiti kopja elettronika tagħhom permezz ta' cd's li l-perit tekniku utilizza sabiex jagħmel l-analiżi tiegħu.

Jirrelata hekk fir-rigward il-Perit Tekniku:

"2) Illi l-esponent għamel superimpozizzjoni ta' dawn it-tliet surveys, u rrizultaw illi jaqblu perferttament bejniethom. L-esponent ikkonstata illi wiehed mis-surveys sar QABEL MA GIE ZVILUPAT IL-FOND TAL-KONVENUT, u l-ahhar wiehed WARA ILLI KIEN MIBNI L-FOND TAL-KONVENUT.

3) Illi l-ahhar survey Dok.20/5/08 jinkludi l-qoxra tal-hajt mibni fuq il-proprjeta' attrici skont il-ftehim bejn il-partijiet, Dok. MC7).

4) Illi gie ppruvat, illi kien is-surveyor inkarigat mill-Perit tal-attrici Vincent Camilleri illi kien dak illi mmarka l-linja ta' divizjoni bejn il-proprjetajiet tal-partijiet.

5) Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ma tirrizultax ghaliex minn surveys illi saru QABEL u WARA li giet mibnija l-proprjeta' tal-konvenut, minn Vincent Camilleri, is-surveyor tal-attrici, MA RRIZULTA L-EBDA UZURPAZZJONI TAL-PROPRJETA' TAL-ATTRICI."

Il-Perit Tekniku kien ċar fir-relazzjoni tiegħu. Żamm ferm ma' tali konkluzzjoni anke meta l-konklużżjonijiet tiegħu ġew kontestati waqt l-eskussjoni.

Huwa miżmum illi għalkemm il-Qrati ma humiex marbutin bil-konklużżjonijiet peritali; fl-istess ħin m'għandhomx iwarrbu tali konklużżjonijiet jekk mhux għal raġunijiet ċari u gravi li jnisslu dak il-konvinċiment fil-ġudikant illi tali konkluzzjonijiet peritali m'għandhomx mis-sewwa jew mhux fondati fil-fatti u/jew fid-dritt.

Il-Perit Tekniku kellu l-opportunita' illi jeżamina u jikkompara immaġini diġitali tat-tlett pjanti/surveys fuq imsemmija; l-ewwel tnejn huma riflessjoni tal-istess eżerċizzju magħmul mis-Surveyor Vincent Camilleri f'Marzu 2002 u t-tielet wieħed magħmul mill-istess surveyor f'Mejju 2008. Dokumenti dawn illi huma fundamentali fir-riżoluzzjoni tal-vertenza in kwantu joffru l-vantaġġ ta' ritratt preċiż tal-estensjoni u konfigurazzjoni tal-art tal-attriċi sew qabel id-demolizzjoni kif ukoll wara l-kostruzzjoni l-ġdida. Bil-vantaġġ mhux traskurabbli illi saru mill-istess surveyor.

Il-Perit Tekniku iżegwixxa l-inkarigu lilu mogħti billi kif kien minnu mistenni jagħmel analiżi komparativa bejn is-survey li jiddimostra bi preċiżżjoni l-art tal-attriċi qabel id-demolizzjoni u s-survey li jiddimostra bi preċiżżjoni l-art tal-attriċi wara d-demolizzjoni u l-kostruzzjoni tal-binja l-ġdida.

Il-Qorti osservat illi sew waqt l-eskussjoni kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attriċi, imkien ma ġie kkritikat il-veraċita tas-surveys imsemmija.

Fis-16 ta' Jannar 2018 l-attriċi inġunġiet lill-Perit Tekniku sabiex jixhed in eskussjoni. Fit-taħrika intalab jidher sabiex "fuq is-survey "EMS1" jaghmel estensjoni tal-linja li tindika l-faccata tal-bini originali tal-konvenut sal-linja li qieghda tindika l-perimetru tat-terazzin originali kif tidher fid-Dok AS, li jifforma parti mir-Rapport redatt mill-Perit Alan Saliba"

F'seduta miżmuma fil-25 ta' Jannar 2018 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta il-Perit Tekniku xhed in eskussjoni. Iddikjara illi fir-rapport tiegħu ha in konsiderazzjoni sew ir-rapport u t-testimonjanza tal-Perit Alan Saliba kif ukoll it-testimonjanza u l-pjanti tal-periti l-oħra u s-surveyor li xhedu f'dawn il-proċeduri.

Fit-28 ta' Frar 2018 l-attriċi ppreżentat rikors fejn talbet li l-Qorti tidderieġi lill-Perit Tekniku "iwettaq dak mitlub fl-imsemmija tahrika ta' xhud."

B'digriet tas-26 ta' Ġunjui 2018 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet ir-rikors.

In segwitu l-Perit Tekniku xehed in eskussjoni quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2020.

Huwa reġa għal darb' oħra ikkonferma illi ikkompara s-survey li sar qabel id-demolizzjoni mas-survey li sar wara d-demolizzjoni u l-kostruzzjoni tal-binja l-ġdida tal-konvenut: "Għamilt super imposizzjoni taghhom jien, u dawn qablu. Għalhekk ikkonkludejt li ma kienx hemm uzurpazzjoni ta' art minn naha tal-kovenut mill-art tal-attriċi. Li kien hemm, li seta' kien hemm kien li hemm kuntratt bejn iz-zewg partijiet li l-hajt li jifred iz-zewg fondi kellu jkun dobblu, b'qoxra minnhom fuq l-art tal-attriċi u qoxra ohra fuq l-art tal-konvenut, kif fil-fatt, inbena l-hajt."

Il-provi mressqa mill-attriċi ma jxejnux il-konklużżjonijiet peritali.

L-attriċi tistrieh fuq ir-rapport li l-perit ex parte tagħha ipprepara qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna fejn jingħad illi parti mill-ħajt diviżorju li qabel kien ta' tul ta' 6.8 metri; wara d-demolizzjoni u l-kostruzzjoni ġie twil 7.6 metri. Pero' imkien ma hemm referenza fir-rapport tal-Perit Saliba illi l-ħajt il-ġdid kellu nofsu fuq l-art tal-attriċi u dan bi ftehim anterjuri ta' bejn il-partijiet. Fir-rapport tal-Perit Saliba tat-3 ta' Ottubru 2008 la ssir referenza għas-survey tas-Surveyor Camilleri tas-sena 2002 u lanqas għas-survey tal-istess Camilleri ta' Mejju 2008. L-attriċi kienet konsapevoli f'Ottubru 2008 bis-survey ta' Mejju 2008 pero' ma jirriżultax li għaddiet kopja tiegħu lill-Perit Saliba. Fir-rapport tiegħu il-Perit Saliba ddikjara f'paragrafu 3 tal-istess illi "Minn kejl li kien ittieħed qabel twaqqa' l-bini l-antik, id-distanza BC kienet originarjament sitta punt tmienja (6.8m) filwaqt li din id-distanza BC illum fiha sebgha punt sitta metri (7.6m) minn kejl li ħadt personalment fuq is-sit." Prova din li l-attriċi lill-Perit Saliba ma għadditlux is-survey ta' Mejju 2008.

Huwa minnu li fil-pjanta annessa mal-ewwel applikazzjoni għall-iżvilupp numru PA5347/04 preżentata mal-awtorita' tal-ippjanar mill-konvenut it-tul ta' din il-parti tal-ħajt diviżorju hija indikata 6.8 metri li sussegwentement saret applikazzjoni għal emenda sabiex dik id-distanza tkun taqra 7.6 metri; pero' minn imkien aktar ma tirriżulta din id-distanza ta' 6.8 metri. Jidher li l-Perit Saliba strah fuq il-kejl indikat fil-pjanta annessa mal-ewwel applikazzjoni tal-konvenut.

Is-Survey sheet ta' Mejju 2002 Dok SVS2 (fol. 367) turi din il-parti tal-linja diviżorja A-B bħala li fiha tul ta' 7.5 metri u mhux 6.8 metri. Il-Perit Saliba aċċeda fuq il-post għall-ewwel darba meta kienet ġia seħħet id-demolizzjoni u l-kostruzzjoni tal-binja l-ġdida u għalhekk ix-xhieda tiegħu trid tittieħed f'dan l-isfond.

Is-Survey ta' Marzu 2002 sar mis-Surveyor Camilleri fuq inkarigu tal-istess attriċi tramite l-perit tagħha. Dak li issa qed tipprova tagħmel l-attriċi huwa li twaqqa ir-riżultanzi ta' survey magħmul fuq inkarigu tagħha stess.

Il-Qorti kejlet hi stess id-distanza A – B fuq is-Survey ta' Marzu 2002 u ssib li fiha 3.75cm li konvertita skond il-leġġenda (1cm = 2 metri) tissarraf f'tul ta' seba' punt ħamsa metri (7.5m) u mhux 6.8 metri (6.8m) kif tallega l-attriċi.

Ma jirriżultax li l-Perit Saliba kien ġie informat mill-attriċi illi l-ħajt kostruwit kien, b'differenza ta' dak ta' qablu, mibni nofsu fuq l-art tal-attriċi u nofsu fuq l-art tal-konvenut. Mhux eskluż għalhekk li anke dan seta wassal għall-konklużżjonijiet mhux preċiżi da parti tal-Perit Saliba.

L-attriċi tissottometti wkoll illi l-mursalli fil-ħajt l-antik jagħtuha raġun.

Il-Qorti ma tqisx tali sottomissjoni fondata filwaqt li tqis li r-raġunament tal-attriċi fir-rigward tal-mursalli bl-ebda mod ma jinnewtralizza ir-riżultanzi tal-eżerċizzju komparattiv li għamel il-Perit Tekniku bejn is-survey tal-estensjoni tal-art tal-attriċi qabel id-demolizzjoni u l-estensjoni tal-art tal-attriċi wara d-demolizzjoni u l-kostruzzjoni.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma ssibx bħala fondata t-talba tal-attriċi sabiex il-Qorti twarrab il-konklużżjonijiet peritali raġġunti mill-Perit Tekniku Mario Cassar u għalhekk qed tadotthom fl-intier tagħhom.

Stabbilit illi il-kostruzzjoni tal-konvenut ma invaditx l-art tal-attriċi ħlief bil-mod kif miftiehem bejn il-partijiet; il-Qorti ssib illi l-attriċi ma seħħiliex tipprova sal-grad rikjest mil-liġi illi fil-kors tal-iżvilupp tal-proprjeta' tiegħu il-konvenut użurpa parti mill-art adjaċenti proprjeta' tal-attriċi.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi qed jiġu miċħuda bil-konsegwenti akkollazzjoni tal-ispejjeż a karigu tal-istess attriċi.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, prevja li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż,

1. Tiċħad it-talbiet attriċi peress li l-attriċi ma seħħiliex tipprova li l-konvenut użurpa parti mill-art tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**